MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 705/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Ramla Developments Company Limited (C 8383) Eugenio u Josephine mizzewgin Agius; u fil-verbal tas-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, il-Qorti laqghet it-talba biex tissejjah fil-kawza s-socjeta' BEVS Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talbet lil din il-Qorti tawtorizzaha tesegwixxi l-kuntratt datat 9 ta' Settembru 2002 in atti Nutar Dottor Roland Wadge (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba tal-intimati kollha, li in forza taghha eccepew illi:

Preliminarjament, in-nullita tar-rikors promotur in vista tal-fatt li jonqos l-avviz rikjest mil-ligi dwar id-dritt tal-intimati li jikkontestaw l-istess entro t-terminu ta’ 20 jum oltre ghall-fatt li l-paragrafi ma humiex enumerati;

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess qed jigi rilevat in-nuqqas tal-integrita’ tal-gudizzju in vista tal-fatt li s-socjeta’ BEVS Limited bhala d-debitur principali hija nieqsa f’dawn il-proceduri;

Fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess jigi rilevat li ma tista’ tigi ordnata ebda esekuzzjoni tal-kuntratt de quo kontra l-intimati garanti qabel ma l-ewwel issir l-esekuzzjoni fuq is-socjeta’ debitrici li sa issa ma hiex parti minn dawn il-proceduri;

Fir-raba’ lok u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba rikorrenti ma tistax tigi milqugha fin-nuqqas tal-prezentata ta’ ittra ufficjali biex tirrendi l-pretensjoni kontenuta fil-kuntratt de quo esekwibbli;

Dwar l-ammont mitlub jinghad li dan mhux korrett meta wiehed iqis u jnaqqas il-pagamenti gia maghmula u kif ukoll meta wiehed jikkomputa l-imghaxijiet dekorsi bil-metodi tas-*simple interest* flok bil-*compound interest* kif jidher li gie maghdud erronjament;

Dawn il-fatti fuq esposti huwa maghrufa personalment mill-esponent;

B’riserva li jigu prezentati risposti ulterjuri fil-mori ta’ dan il-process jekk jinqala’ l-kaz;

Ghalhekk, in vista tal-premess, it-talba tal-Bank rikorrenti ghandha tigi respinta.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti nominee u r-rapprezentanti tieghu qeghdin minn issa jigu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Gunju 2012, fejn il-Qorti ordnat li tissejjah fil-kawza BEVS Limited.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, l-imsemmija socjeta’ BEVS Limited ma ressqet ebda twegiba.

Rat l-atti kollha.

Semghet lix-xhud Rose Cortis.

Rat li l-konvenuti ma ressqu ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet taghhom u ma ressqu ebda sottomissjoni fil-kuntest tal-istess eccezzjonijiet.

Rat li s-socjeta’ imsejha fil-kawza qatt ma giet rapprezentata fl-udjenza fil-Qorti.

Peress illi t-talba tal-Bank rikorrenti tinsab pruvata u jisthoqqilha li tigi milqugha.

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha, tilqa’ t-talba tal-Bank rikorrenti kif dedotta bl-ispejjez kif mitluba.

L-ispejjez ta’ din il-procedura jithallsu minn Ramla Developments Company Limited, Eugenio u Josephine mizzewgin Agius u BEVS Limited solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------